MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 656/1998/1

**Vincent Cilia**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali, Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u d-Direttur tad-Dwana u s-Sisa u b'nota tad-29 ta' Jannar 1999 l-atti tar-rikors gew ceduti fil-konfront ta' l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Vincent Cilia fejn gie premess:-

Illi fis-6 ta' Dicembru 1996, l-esponenti rcieva kont mahrug mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li bih gie mitlub li jhallas lill-istess Dipartiment is-somma ta' ghaxart elef u tliet mija u sitta u tletin lira Maltija u tmienja u tmenin

centezmu (Lm10,336.88) bhala taxxa fuq il-Valur Mizjud, allegatament dovuta ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Jannar 1996;

Illi fl-10 ta' Marzu 1997 inharget ittra ufficcjali mill-istess Dipartiment fejn ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-avviz u kont fuq indikat gie rez ezekuttiv skond il-ligi, b'mod li d-dipartiment beda jgawdi bis-sahha tal-ligi titolu ezekuttiv kontra l-esponenti;

Illi ghalkemm l-esponenti kellu d-dritt, ai termini ta' l-Artikolu 32 ta' l-Att ta' l-1994 dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud, illi jaghmel "appell kontra dik l-istima lill-Bord ta' l-Appell Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud," madankollu, l-Artikolu 4 tas-Sitt Skeda ta' l-istess Att Nru. XII ta' l-1994 jipprovdi inter alia illi: "Appell kontra stima ma jkunx validu kemm-il darba - (b) ma tkunx thallset it-taxxa kollha li ma hemmx kwistjoni dwarha li kellha tithallas mill-appellant; u (c) ma jkunx thallas inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija tat-taxxa li jkun hemm kwistjoni dwarha skond dak l-Appell";

Illi l-esponent ma ghandux mezzi finanzjarji biex ihallas dawn l-ammonti kbar ta' flus halli jkun jista' jappella lil Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur mizjud mill-istima arbitrarja u ezagerata, u dana kif jirrizulta mill-ittra li l-istess esponenti baghat lill-Kummissarju Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-14 ta' Marzu 1997;

Illi l-provvediment fuq indikat jilledi d-dritt fondamentali ta' l-esponent garantit a tenur ta' l-Artikolu 32(a) u (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kap. 1) stante illi l-esponent gie michud l-uzu u t-tgawdija ta' propjeta' elevata mill-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud meta l-esponenti ma nghatax fakulta' xierqa u libera li jikkontesta l-allegazzjonijiet migjuba mill-istess Dipartiment kontra tieghu;

Illi l-provvediment fuq indikat jilledi d-dritt fundamentali ta' l-esponenti garantiti a tenur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kap.1) u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi r-rikorrent gie suggett ghal trattament degradanti u dana peress illi r-rikorrent iddeprava lill-esponent mill-godiment tal-beni tieghu, kif ukoll esponieh ghal pubbliku generali u dana minghajr ma r-rikorrenti kellu l-opportunita' reali illi jirribatti;

Illi l-provvediment fuq indikat jilledi l-Artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kap.1) u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana peress illi d-Dipartiment ezegwixxa l-istima minnu stess mahruga billi ivvjola l-propjeta' privata ta' l-esponent stante illi l-esponent ma setax jikkontesta tali stima;

Illi l-provvediment fuq indikat jilledi l-Artikolu 45(1)(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kap. 1) u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana peress illi d-Dipartiment ma ghandu l-ebda imposizzjoni b'xi mod simili ghal dik imposta fuq l-esponent illi ghandu jiddepozita hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tat-taxxa kontestata minghajr ebda alternattiva;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li din il-Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara li l-paragrafu (c) tas-sub Artikolu 4 tas-Sitt Skeda li hemm mal-Att tal-1994 Dwra it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XII tal-1994) jivvjola l-artikolu 32(a) u (c), l-artikolu 36(1) u l-artikolu 45(1)(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk null u bla effett;

(2) Tiddikjara ukol li l-istess provediment tal-ligi jivvjola ukol l-artikoli 3, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem resa applikabbli ghal Malta bl-Att numru XIV tal-1987 u ghalhekk null u bla effett;

(3) Konsegwentement tawtorizza lill-esponent sabiex joggezzjona u jressaq quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-istima ex officio li saritlu fuq indikata minghajr il-hyiega li jiddeposita xi parti mit-

taxxa in kontestazzjoni, u b'hekk tigi dikjarata nulla u bla effett l-ittra ufficjali li rrendiet esekuttiva l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-valur Mizjud kontra l-esponenti;

(4) Tghamel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u tghati dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jittwetqu d-drittijiet tar-rikorrenti fuq indikat;

Rat ir-risposta tal-intimati Onor. Prim Ministru u Avukat Generali;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u d-Direttur tad-Dwana u s-Sisa fejn gie sottomess:-

Illi kemm l-Onorevoli Prim Ministru kif ukoll l-Avukat General mhumiex legittimi kontradditturi f'din il-kawza u m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-lanjanzi tar-rikorrenti; huma ghalhekk gew intimati inutilment f'din il-kawza;

Illi r-rikorrent bil-procedura prezenti qieghed jabbuza mis-sistema guridika stante illi gia' intavola kawza kostituzzjonali dwar l-istess materja Rikors Nru. 610/97GV fl-istess ismijiet premessi fejn dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent li huma prattikament identici ghal dawk odjerni, fis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar 1998, 2/98 KOS.;

Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost jinghad illi ma nkiser l-ebda dritt fondamentali tar-rikorrent: l-Att XII ta' l-1994 hu espressjoni tar-rieda tal-Legislatur li ried li ma jkunx hemm appelli frivoli u vessatorji f'kamp fejn hu notorju li numru ta' tax-payers jipprovaw jevadu l-obbligi fiskali taghhom ghal kollox;

Illi hu risaput illi fi kwalunkwe sistema ta' dritt ikun hemm mizuri li jipprovaw iharsu kontra litigji inutili u dilatorji. Fil-fatt anke fis-sistema guridiku Malti jezistu pieni ghal min jabbuza mill-process gudizzjarju meta jigu istitwiti appelli bla bazi;

Illi l-onorosita' lamentata mir-rikorrent fir-rikors odjern kienet gia' giet issollevata fir-rikors tieghu nru 610/97 GV u l-Qorti Kostituzzjoniali, wara li fliet l-artikoli tal-Kostituzzjoni rilevanti u dak li hemm fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u kif il-Kummissjoni, u l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem iharsu lejn l-impost ta' depozitu fil-kamp fiskali, sabet illi tali impost ta' taxxa (25% ta' l-ammont dovut biex ikun jista' jsir appell) ma jiksirx id-drittijiet fundamentali ta' l-individwu. Tali depozitu hu necessarju biex jigu evitati appelli frivoli u vessatorji stante illi l-kalkolu jsir fuq kemm jaqla' kontribwent u mbaghad jintalab id-depozitu ta' 25% fuq dak il-kalkolu biex ikun jista' jappella;

Illi certament mhux verosimili mehud dan kollu illi d-depozitu ta' 25% mitlub mill-intimati hu bbazat fuq stima arbitrarja u esagerata kif qed jallega r-rikorrent fir-rikors tieghu. Din l-istima bl-ebda mod ma tilledi d-dritt fondamentali tar-rikorrent garantit mill-artikolu 32 (a) u (c) tal-Kostituzzjoni kif qed jallega r-rikorrent. Bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' remotement jinghad illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem gie lez b'din l-istima;

L-allegazzjoni illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni gie lez fil-konfront tar-rikorrent hi ukoll bla bazi u ghandha titwarrab;

Illi ta' min josserva li hawn si tratta dwar mizuri fiskali fejn it-talba tal-Kummissarju dwar it-Taxxi fuq il-Valur Mizjud ghall-hlas tat-taxxa mir-rikorrent hija wahda purament fiskali u essenzjalment hi parti tad-dritt pubbliku. Ta' min jirrileva illi t-taxxa mitluba mill-esponenti giet dovuta wara verifika tal-kotba tan-negozju tar-rikorrent minn awdituri professjonali. Inoltre, id-depozitu jigi rritornat jekk l-oggezzjoni tkun gustifikata. B'dan il-provvediment jibqa' l-bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt tal-propjeta' li

dwaru qed jilmenta r-rikorrent. Fil-fatt it-tieni paragrafu ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll jippermetti t-tehid ta' propjeta' ghal skopijiet ta' gbir ta' taxxa. Anzi bid-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu dan hu espressament permess. Hekk jipprovdi dan il-paragrafu:

the preceding provision shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties.

Illi r-rikorrent inghata kull fakulta' xierqa illi jikkontesta t-talba tad-Dipartimnet, pero' jrid illi jikkontestahom kif ird hu, haga inaccettabbli f'socjeta' demokratika fejn jirrenja r-rule of law. Li jrid jaghmel ir-rikorrent huwa li jappella l-imposizzjoni tat-taxxa dovuta bil-mod u manjieri li jrid hu, haga din totalment inaccettabbli f'socjeta' bhal taghna. Qieghed ghat-tieni darba jintavola kawza Kostituzzjonali biex jittenta appell a modo suo mit-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud minghajr ma jhallas bhac-cittadini l-ohra kollha l-persentagg mitlub b'ligi valida mghoddija mill-Parlament sabiex jintavola appell minn stima li ma toghgbux. Ir-rikorrent kellu kull opportunita' li jirribatti t-talba li saritlu pero' billi jadotta l-procedura normali, cioe' billi jidher quddiem il-Bord ta' l-Appell u jekk ma jkunx sodisfatt bid-decizjoni tal-Bord billi jappella lill-Qorti ta' l-Appell wara li jsegwi l-provvediment ghall-appell;

Illi l-artikolu 38 (1) tal-Kostituzzjoni ma giex lez fil-konfront tar-rikorrent bhalma lanqas gie lez l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Mhux minnu illi r-rikorrent ma setax jikkontesta l-istima de quo, hu kellu kull dritt jaghmel dan; pero' hu pprefera illi jattakka l-istima li minnha qed jillamenta billi jintavola kawza Kostituzzjonali ohra fuq l-istess mertu bhall-ewwel wahda wara li l-ewwel talba tieghu kienet giet michuda ghal darba darbtejn, peress illi rikors iehor tieghu biex tigi sospiza s-subbasta 147/97 fl-ismijiet Kummisarju tal-V.A.T. vs Vincent Cilia FS gie michud fit-28 ta' Mejju 1998. Din is-subbasta li giet riappuntata ghas-6 ta' Lulju 1998 qed issir abbazi ta' l-ittra

ufficcjali datata l-10 ta' Marzu 1997 li taghti lill-Kummissarju tal-VAT titolu ezekuttiv validu fil-ligi;

Illi d-Dipartiment bil-provvediment illi qed jiehu meta jitlob depozitu ta' 25% tat-taxxa kontestata mhux qed jikser l-artikolu 45 (1) (2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront tar-rikorrent stante illi fil-kamp fiskali li huwa ta' dominju pubbliku dan hu accettabbli u perfettament legali biex jigu evitati appelli frivoli u vessatorji. L-intimati jissottomettu bir-rispett illi mhux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tqis kemm hu ragjonevoli r-rikwizit ta' 25% tat-taxxa dovuta billi huwa l-Parlament illi ghandu l-funzjoni f'socjeta' demokratika bhala taghna li jiffissa dawn il-percentwali. Din il-ligi riedet thares l-interess pubbliku biex l-erarju pubbliku ma jigix imcahhad tul proceduri gudizzjarji minn flus li huma dovuti minn appelli frivoli u vessatorji. Qatt ma jista' jinghad illi l-ligi hija nulla kostituzzjonalment jekk fil-kaz in disamina - u dan purament per ipotesi - l-oneru kien tant li rrenda kompletament impossibbli ghall-individwu li jittenta azzjoni quddiem il-Bord - depozitu ta' 25% tat-taxxa dovuta msemmi mil-ligi biex isir appell ma jfissirx illi d-dritt fondamentali ta' l-individwu gie lez;

Illi r-riferiment ghall-artikolu 32(a) u (c), l-artikolu 36(1) u l-artikolu 45(1)(2) u (3) tal-Kostituzzjoni huwa bla bazi guridika. L-artikolu 32(a) u (c) jipprovdi d-dritt ghall-hajja, liberta' sigurta' tal-persuina, it-tgawdija tal-propjeta' u l-protezzjoni mil-ligi u r-rispett ghall-hajja privata u familjari. L-artikolu 36(1) jipprovdi illi hadd ma jkun assoggetat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti. Dan l-artikolu ukoll huwa bla bazi guridika fil-konfront ta' l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent mill-intimati;

Illi l-artikoli 3, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma gewx miksura fil-konfront tar-rikorrent bil-provvediment tal-ligi tal-Vat, l-Att XII ta' l-1994;

Illi t-tielet talba tar-rikorrent ukoll ghandha tigi michuda stante illi nieqsa ukoll minn fundament guridiku. Ir-rikorrent irid jaghmel appell mill-istima tad-Dipartiment a modo suo, billi jittenta rikors kostituzzjonali biex bl-irhis jissorvola l-hlas tad-depozitu tal-25% validament mitlub mil-ligi ghall-appell lill-Bord. Ta' min jinnota illi r-rikorrent qatt ma kkontesta illi xi taxxa hija dovuta - kulma jrid hu li jikkontesta l-istima quddiem il-Bord kif jidhirlu hu. Irid illi titolu ezekuttiv validament miksub taht ligi specajli jigi mwarrab minn kawza kostituzzjonali li min-natura taghha hija eccezzjonali. U dan biex ir-rikorrent ma juzax il-proceduri appositi disponibbli ghalih taht il-ligi tal-VAT.;

Illi r-raba', talba tar-rikorrent hija rikjesta lil din il-Qorti biex huwa jinghata trattament specjali u preferenzjali fil-konfront ta' tax payers ohra billi jigi ddikjart illi depozitu parzjali tat-taxxa jmur kontra d-drittijiet fondamentali tieghu. Dan certament mhux accettabbli u kieku kellu jigi accetta, ikisser l-ordinament guridiku Malti fil-kamp fiskali u jharbat is-sistema kollha fiskali. Kulma jrid ir-rikorrent hu li jisfida ligi specjali biex jintavola appell li seta' liberament ghamel bil-proceduri ezistenti bhalma ghamlu hafna qablu. Ghar-ragunijiet suesposti din it-talba ukoll ghandha tigi michuda;

Ghaldaqstant billi r-rikors huwa manifestament infondat guridikament, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-istess, bl-ispejjez;

Rat in-nota tar-rikorrenti tad-29 ta’ Jannar 1999 li biha ceda l-atti tar-rikors fil-konfront tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u Avukat Generali;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lir-rikorrenti u lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difdensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Mejju 2002;

Rat in-nota tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur Mizjud tat-13 ta’ Novembru 2002;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Novembru 2002;

Ikkonsidrat:

In vista tal-fatt li r-rikorrenti ceda l-azzjoni tieghu fil-konfront tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u Avukat Generali baqa li l-istess azzjoni tigi decizi fil-konfront taz-zewg intimati l-ohra;

Jirrizulta li fis-6 ta' Dicembru 1996 id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talab lir-rikorrenti sabiex ihallas, fuq stima mghamula mill-istess Dipartiment, is-somma ta' ghaxart elef u tliet mija u sitta u tletin liri maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm10,336.88) bhala taxxa fuq il-valur mizjud dovuta ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Jannar 1996;

B'ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu 1997 l-imsemmija talba giet reza ezekuttiva skond il-ligi u b'hekk l-imsemmi dipartiment beda jgawdi, bis-sahha tal-ligi, titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti;

Ir-rikorrenti jghamel referenza ghall-artikolu 32 ta' l-Att ta' l-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jghatih id-dritt li jappella kontra l-imsemmija stima lill-Bord ta' l-Appell Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Inoltre r-rikorrenti jghamel referenza ghall-artikolu 4 tas-Sitt Skeda ta' l-istess Att, liema artikolu jipprovdi li tali appell ma jkunx validu jekk ma tithallax qabel it-taxxa kollha li ma hemmx kontestazzjoni dwarha u ma jkunx thallas almenu hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tat-taxxa li jkun hemm kwistjoni dwarha;

Ir-rikorrenti jghid li ma ghandux mezzi finanzjarji biex ihallas dawn l-ammonti. Huwa inoltre jsostni li l-istima in kwestjoni hi arbitrarja u ezagerata. Inoltre d-Dipartiment in kwestjoni jidher li pproceda permezz ta' mandati esekuttivi

kontra r-rikorrenti u jidher ukoll li giet maqbduda jew sekwestrata proprjeta tar-rikorrenti;

Fl-isfond ta' dan kollu r-rikorrenti jsostni li l-imsemmija provedimenti tas-sitt skeda tal-imsemmi Att tal-1994 jilliedu d-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fl-artikolu 32(a) u (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana peress li huwa gie michud l-uzu u t-tgawdija ta' proprjeta' li giet elevata bhala konsegwenza tal-imsemmi titolu esekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud. Skond ir-rikorrenti gew ukoll lesi d-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti bil-provedimenti tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante li huwa kien suggett ghal trattament degradanti peress li gie privat mill-godiment tal-beni tieghu, kif ukoll gie espost ghal pubbliku in generali minghajr ma kellu l-opportunita' reali illi jirribatti. Skond ir-rikorrenti gie les ukoll fil-konfront tieghu l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea peress illi d-Dipartiment ezegwixxa l-istima minnu stess mahruga billi ivvjola l-propjeta' privata ta' l-esponent stante illi l-esponent ma setax jikkontesta tali stima. Gew lesi ukoll il-provvedimenti tal-Artikolu 45(1)(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana peress illi d-Dipartiment ma ghandu l-ebda imposizzjoni b'xi mod simili ghal dik imposta fuq l-esponent illi ghandu jiddepozita hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tat-taxxa kontestata minghajr ebda alternattiva;

Ir-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li l-paragrafu (c) tas-sub Artikolu 4 tas-Sitt Skeda li hemm ma' l-Att ta' l-1994 Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XII ta' l-1994) jivvjola l-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk hu null u bla effett. Ir-rikorrenti talab ukoll li jigi awtrorizzat li joggezzjona u jressaq appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-istima ex officio in kwestjoni u b'hekk tigi dikjarata nulla u bla effett l-ittra ufficcjali li rrendiet ezekuttiva l-pretenzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud kontra tieghu. Finalment ir-rikorrenti talab li

jinghataw dawk l-ordnijiet u direttivi opportuni u xierqa sabiex jitwettqu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent;

Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhhom fl-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitou 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li gew iccitati mir-rikorrenti. In effett il-provedimenti tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jirreferu b'mod generali ghall-protezzjoni li ghandha tinghata ghar-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

Ma jirrizultax li r-rikorrenti gie asoggettat ghal xi tortura jew trattament inuman jew degradanti. La darba l-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud kien igwadi titolu esekuttiv skond il-ligi, huwa seta' liberament jesegwixxi skond dak it-titolu. L-imsemmi Kummissarju ghalhekk seta jesegwixxi t-titolu tieghu fil-konfront tar-rikorrenti u tal-propjeta tar-rikorrenti. Il-fatt li r-rikorrenti kien qed jigi mitlub li jghamel depositu bhala prekondizzjoni biex jesercita d-dritt ta' l-appell ma ghandu x'jaqsam xejn mad-dritt fondamentali ghad-dgawdija pacifika tal-proprjeta tal-istess rikorrenti. Ma jirrizulta ebda agir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu jigu qatt akkolti a bazi tal-provedimenti tal-ligi li huwa qed jinvoka;

Jirrizulta li r-rikorrenti gia ttanta azzjoni ohra kostituzzjonali dwar l-istess fatti u b'talbiet simili ghal dawk li qed jghamel fil-presenti kawza. Il-bazi tal-azzjoni precedenti tieghu, pero', kienet differenti u dana peress li f'dawk il-proceduri huwa invoka a favur tieghu l-provedimenti tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema artikoli jittrattaw dwar is-smiegh xieraq. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) bhala l-Qorti ta' prima istanza cahdet l-imsemmija talbiet tar-rikorrenti u dana b'sentenza tas-27 ta' Frar 1998. Ma jidhirx li r-rikorrenti appella minn din is-sentenza u minnflok ghazel li jipprocedi bil-presenti procedura fejn ghamel l-istess talbiet pero' a bazi ta' provedimenti differenti tal-ligi;

F'dan l-istadju trid issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Frendo vs Avukat Generali et" deciza fit-30 ta' Novembru 2001. Din is-sentenza timmerita li tigi esaminata fid-dettal. In effett f'din il-kawza il-Qorti Kostiuzzjonali ddecidiet billi sabet li l-ewwel subartikolu subinciz (c) tal-Artikolu 4 tas-Sitt Skeda tal-Att XII ta' l-1994 (propju l-rtikolu in kwestjoni f'din il-kawza) jivvjola l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement iddikjarat l-imsemmija disposizzjoni bhala nulla u bla effett;

Il-fatti li wasslu ghall-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali huma simili hafna ghall-fatti rizultanti fil-presenti proceduri. In effett iz-zewg kawzi jittrattaw dwar is-sitt (6) skeda ta' l-Att XII tal-1964 dwar il-VAT u in partikolari jekk dawn il-provedimenti humiex lesivi tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea. Dak li gie sottomess mill-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fin-nota tieghu tat-13 ta' Novembru 2002 jista jinghad li hu superfluwu u kwazi rrilevanti u l-istess intimat messu agixxa fil-konfront tar-rikorenti fuq l-iskorta tal-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Novembru 2001. Il-fatt li r-rikorrenti ma intavolax l-appell mentri fil-kawza l-ohra sar l-appell minnghajr ma kien hemm depositu ma jbiddel xejn mill-mertu tal-kwestjoni u cioe jekk il-limitazzjoni fuq id-dritt ta' appell mghamula fl-artikolu 4 ta-as-Sitt Skeda ta' l-Att XII tal-1994 kienitx kostituzzjonalment valida. Din hi l-vera kwestjoni in ballo ukoll f'dawn il-proceduri u kwestjonijiet ohra rigwardanti x'jghamel ir-rikorrenti jew kemm kien jammonta d-depositu li kellu jsir mir-rikorrenti, huma ghal kollox irrilevanti;

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ikkonsidrat li -

"***Ghar-rigward tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li l-imposizzjoni u l-hlas tat-taxxa hu essenzjalment oneru purament fiskali u konsegwentement dawn kienu obbligi li ma kellhomx jigu kwalifikati bhala 'civil rights and obligations' in kwantu dawn kienu meqjusa bhala materja ta' dritt pubbliku. Ghalhekk il-garanziji kostituzzjonali ghas-smiegh xieraq ma kienux japplikaw fir-rigward ta' agir ta' l-Istat biex jimponi u jesigi t-taxxi***";

Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tirrimarka -

"***Li hemm materji ohra li jirrigwardaw anke jeddijiet fondamentali apparti l-jedd ta' smiegh xieraq li kien jinkombi fuq l-Istat li josserva l-harsien taghhom u li kellhom allura jkunu gustament soggetti ghall-verifika minn din il-Qorti. Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni li, filwaqt illi l-Qrati ma kellhomx dritt li jissindikaw, bhala regola, l-imposizzjoni ta' taxxi u l-mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn ikunu regolati b'ligi, dan ma jfissirx li cittadin ma kellux il-jedd li jkollu l-mezz ta' verifika biex jassigura illi dik il-ligi tkun giet, fil-konfront tieghu, sewwa applikata***";

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet ukoll li -

"***Id-disposizzjonijiet in kwestjoni joholqu favur, kemm il-kontribwent kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi tal-Valur Mizjud il-jedd ta' access ghal Tribunal kwazi gudizzjarju u gudizzjarju….u ma jista jkun hemm l-ebda dubju li fir-rigward tal-kondotta ta' dawn il-processi kienu u kellhom ikunu applikabbli il-garanziji kolha ghal smiegh xieraq skond kif stabbilit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjonji***";

L-istess Qorti nnotat li -

"***Il-provedimenti in kwestjoni ma jesigux depositu ta' taxxa mhux kontestata, imma depositu ta' parti minn taxxa li kienet qghada kontestata u li dwarha ikun***

***qieghed isir appell***." Gie ukoll innotat li - "***In-nuqqas ta' depositu skond din id-deposizzjoni tirrendi l-appell mhux validuu allura qed iccahhad l-access ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja propju minhabba c-cirkostanza li min jixtieq jappella skond dritt lilu mghoti mill-ligi biex jikkontesta il-hlas ta' taxxa fuqu imposta, ikun qieghed jigi mcahhad minn dak id-dritt propju ghaliex ma jhallasx parti sostanzjali minn dak li l-istess ligi tghatih il-jedd li jikkontesta. Proposta f'dawn it-termini d-disposizzjoni tidher li hi inikwa u anti guridika***";

Il-Qorti Kostituzzjonali inoltre nnotat li -

"***Id-depositu rikjest fl-artikolu 4 tas-sitt (6) Skeda tal-istess Att kien impost bhala kondizzjoni ghall-validita' ta' l-appell u mhux bhala xi forma ta' garanzija ghall-ispejjez ta' dak il-process***….***Jibqa ferm il-principju ili, una volta l-ligi kienet ipprovdiet id-dritt ta' access ghal tribunal biex jigi verifikat fil-konfront tieghu, tali dritt kellu jkun accessibli b'mod uniformi ghal kullhadd b'md ragjonevoli u non diskriminatorju"***;

F'dan l-istadju l-imsemmija Qorti rriferit ghal xi decizjonijiet tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u ghal xi awturi fejn in partikolari gie senjalat li l-principju li l-jedd ta' access, meta mghoti, ma kellux ikun pregudikat b'restrizzjonijiet finanzjarji eccessivi li in effett jichdu dan id-dritt jew jillimitawh b'mod inaccettabli f'socjeta demokratika;

Jirrizulta ghalhekk li l-provedimenti in kwestjoni gew dikjarati nulli mill-Qorti Kostituzzjonali. Hawnhekk qeghdin fil-kamp tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li, ovvjament, huma drittijiet bazilari. Hu imperattiv li dawn id-drittijiet jigu mharrsa in generali minn dawk kollha koncernati. Jekk fi proceduri, bhal dawn presenti, jirrizulta

li xi provedimenti tal-ligi huma nulli, u f'dan il-kaz il-Qorti Kostituzzjonali gustament iddikjarat li il-provedimenti tal-ligi in kwestjoni huma nulli, din il-Qorti ghandha timxi duq tali dikjarazzjoni irrispettivament mill-fatt li d-dikjarazzjoni tal-imsemmija Qorti Kostituzzjonali saret a bazi ta' artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li ma kienux fil-bazi tal-presenti proceduri;

Fil-proceduri kostituzzjonali jekk jirrizulta li xi att hu lesiv tad-drittijiet fundamentali jew li xi provedimenti tal-ligi huma nulli ghaliex imorru kontra l-istess drittijiet fundamentali kif sanciti fil-ligi tghana, dan ghandu jigi dikjarat mill-Qorti anke jekk l-artikoli rlevanti ma gewx citati minn min qed jippromuovi l-proceduri;

In vista ta' dan kollu jirrizulta li l-provedimenti in kwestjoni tal-Att XII tal-1994 huma nulli u bla effett. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tar-rikorenti u tiddikjara li l-paragrafu (c) tas-sub Artikolu 4 tas-Sitt Skeda li hemm mal-Att tal-1994 Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XII tal-1994) jivvjola xi artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem resa applikabbli ghal Malta bl-Att numru XIV tal-1987 u ghalhekk dawn il-provedimenti huma nulli u bla effett u tordna li r-rikorrenti tinghatalu l-oportunita' sabiex jikkontesta u joggezzjona ghall-istima ex officio li saritlu u dana minnghajr ebda kundizzjoni;

L-ispejjez kollha jithallsu mill-intimati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------